**25 ta' April, 1995**

**Imhallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Carmen Calafato

*versus*

Carmel *sive* Charles Cauchi

## Kapitolu - Nota ta' Mistoqsijiet - Ġurament Artikolu 698(2) u 702 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

*L-attur ġie kkundannat iħallas għaliex ma deherx meta ġew ipprezentati l-kapitoli u lanqas fid-data sussegwenti u għalhekk il-Qorti emmnet in-nota ta' mistoqsijiet.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat l-ewwel sentenza għaliex il-konvenut ipprova li n-nuqqas ta' dehra tiegħu kien għal raġuni valida u li fuqha ma kellu ebda kontroll għaliex dak in-nhar kellu inċident awtomobilistiku.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza appellata tal-21 ta' Novembru, 1994 taqra hekk:

"Wara li rat it-talba ta' l-attriċi għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' mija u tletin lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm130.55c0) rappreżentanti d-dritt tagħha tal-lawdemju naxxenti mill-kuntratt li l-konvenut għamel meta xtara d-dar tiegħu;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Ottubru, 1993 u bl-imgħaxijiet mid-data ta' l-avviż sad-data ta' l-eventwali ħlas - kollha kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota tal-mistoqsijiet ta' l-attriċi sabiex il-konvenut iwieġeb għalihom bil-ġurament u b'hekk il-kreditu jiġi

ppruvat (artikolu 698(2) u 702 Proċeduri Ċivili);

Billi għalkemm regolarment innotifikat, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-17 ta' Novembru, 1994 meta ġew ippreżentati l-kapitoli u lanqas illum u n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant jissottometti li n-nuqqas ta' dehra tiegħu fil-21 ta' Novembru, 1994 kien minħabba raġuni tajba u li fuqha huwa ma kellu ebda kontroll, billi f'dik il-ġurnata, waqt li hu kien ġej il-Belt Valletta għall-kawża, huwa kellu inċident awtomobilistiku li impedih milli jiġi l-Qorti;

Għall-mument din il-Qorti ser tissofferma ruħha fuq din l-eċċezzjoni jew aggravju għax jidhrilha li huwa dirimenti ta' kull kwistjoni oħra. Dana għaliex is-sentenza appellata hija bbażata fuq il-kontumaċja ta' l-appellant u fuq xejn iżjed;

Ikkunsidrat:

Fil-fehma tagħha, l-appellant ipprova għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li verament kellu l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni li impedih milli jkun preżenti l-Qorti fil-ħin qabel ma l-kawża ġiet effettivament deċiża a bażi tal-kapitoli li kienu ġa' ppreżentati. In-nuqqas tiegħu li jidher u jwieġeb għall-kapitoli li sarulu kien dovut mhux għal xi nuqqas kolpuż da parti tiegħu iżda għall-fatti invinċibbli li jikkostitwixxu purgazzjoni tal-kontumaċja. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li s-sentenza appellata għandha tiġi rrevokata u mogħtija l-possibilita' li l-kawża tiġi ttrattata u deċiża b'mod li ma jiġix ivvjolat il-benefiċċju li l-attriċi appellata m'għandhiex tbati spejjeż ta' dan l-inċident kollu;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell fis-sens tal-konsiderazzjoni premessa, tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi. spejjeż a kariku ta' l-appellant.